tal-familja minn aġenziji u professjonisti oħra fosthom mill-Aġenzija Sedqa; mill-Moviment ta' Kana; miċ-Ċentru Ħidma Soċjali, Psikjatri, Tobba, Avukati, jew mill-iskejjel.

## *Kif tista' tagħmel użu minn dan is-servizz?*

Jekk taħseb li dan is-servizz jista jkun ta' għajnuna għalik ċemplilna fuq in-numri 21251121/21251122 biex tingħata l-ewwel appuntament.

Is-Servizz ta' Terapija għall-Familja jingħata kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

| | |
|---|---|
| Fix-Xitwa | 8.00a.m – 5.20p.m |
| Fis-Sajf | 8.00a.m – 2.00p.m |

Is-Servizz ta' Terapija għall-Familja jinsab:

14, Villa Rossetta,
Triq Misraħ il-Barrieri,
Msida.

Tista' tibgħatilna e-mail fl-indirizz: fts@appogg.org




APPOĠĠ
*Ghat Tfal, Familji, u l-Komunità*

*70, Capuchins Str., Floriana VLT 14 Malta.*
*Tel: (356) 21222066, 21222076 Fax: (356) 21222019*
***www.appogg.gov.mt***


APPOĠĠ

*Ghat Tfal, Familji, u l-Komunità*



# *Servizz ta' Terapija għall-Familja*

## X'inhu is-Servizz ta' Terapija għall-Familja?

Is-Servizz ta' Terapija għall-Familja huwa servizz terapewtiku offrut lill-familja kollha. F'Malta, ħafna mis-servizzi li joffru terapija għall-familja jiffukaw fuq persuna waħda biss, filwaqt li dan is-servizz jaħdem ma' kull membru fil-familja.

## X' joffri dan is-servizz?

Dan is-servizz jagħti l-opportunità lill-membri tal-familja biex jiltaqgħu flimkien fit-terapija sabiex jaħdmu fuq ir-relazzjoni ta' bejniethom u jitkellmu quddiem persuna oħra (it-terapista), biex isibu toroq differenti għad-diffikultajiet ta' bejniethom.

Importanti li wieħed ikun jaf li dan is-servizz jaħdem fuq bażi ta' *team work*. Dan ifisser illi barra li jkun hemm it-terapista fil-kamra ta' terapija mal-familja, jkun hemm wkoll membru ieħor ta' dan is-servizz josserva l-laqgħa mal-familja. Ir-rwol ta' din il-persuna hija li tosserva dak kollu li jkun qiegħed jiġri bejn kull membru tal-familja filwaqt li jgħin lit-terapista bl-iskop li l-familja tkun moqdija aħjar.



## Min jista' jibbenefika mis-Servizz ta' Terapija għall-Familja?

Kull familja li għandha diffikultajiet fil-mod ta' kif il-membri jirrelataw ma' xulxin tista tibbenefika minn dan is-servizz.

Diffikultajiet jistgħu ikunu diversi:

- Nuqqas ta' kommunikazzjoni bejn ġenituri u ulied;
- Nuqqas ta' kommunikazzjoni bejn il-ġenituri nnifishom jew bejn il-koppja;
- Nuqqas ta' kommunikazzjoni bejn il-ġenituri tal-koppja;
- Problemi ta' intimita bejn il-membri tal-koppja;
- Diffikultajiet fl-aġir tat-tfal fl-iskola jew fid-dar;
- Indħil fil-familja;
- Diffikultajiet ta' saħħa kemm mentali kif wkoll fiżika;
- Diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu f'każi ta' separazzjoni bejn ir-raġel u l-mara.

Dan is-servizz jistgħu jibbenefikaw minnu familji li jkunu għaddew jew għaddejjin minn xi kriżi; eżempju mewt ta' persuna f'ħajjithom; xi ħadd mill-ulied li jitlaq mid-dar; missier li jispiċċa bla xogħol eċċ. Dan is-servizz huwa wkoll miftuħ għal familji li jkunu għaddew minn xi forma ta' abbuż.

Il-laqgħat mal-familji joffru spazju fejn il-membri tal-familja jaraw ftit kif qegħdin jġibu ruħhom ma' xulxin u jirriflettu ftit fuq dak li jkun qiegħed jiġri bejniethom. Dan iservi biex flimkien ikunu jistgħu jiskopru riżorsi li għandhom sabiex jaddattaw għall-bidliet li jkunu għaddejjin minnhom filwaqt li jaraw dak li jkun qiegħed jiġri fis-sitwazzjoni tagħhom minn perspettiva differenti.

## Kif jista' wieħed japplika biex juża dan is-servizz?

Dan is-servizz qiegħed jiġi offrut mingħajr ħlas minn team ta' professjonisti magħmul minn psikologi, *social workers* u *psychology officers* li kontinwament ikunu mħarrġa minn konsulenti barranin speċjalizzati fit-terapija tal-familja.

Familji li jħossu l-bżonn ta' dan is-servizz jistgħu iċemplu fuq in-numri tagħna. Kif tidħol telefonata aħna nimlew formola dettaljata. Din il-formola tinżamm *f'waiting list* u aħna nikkuntattjaw lill-familja għall-appuntament skond meta dawn imisshom. Importanti ħafna li wieħed ikollu appuntament biex jkun jista' jiltaqa' ma' xi ħadd mit-terapisti.

Nirċievu wkoll *referrals* ta' familji li jkollhom bżonn terapija